# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ANNA FELICE**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 724/12/1 GM**

**Noel Borg**

**v.**

**David Norbert Schembri u Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju, 2019 li permezz tagħha l-Qorti (i) laqgħet it-talbiet attriċi billi sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2010, ġewwa l-Infermerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, f'liema inċident l-attur safa' b'diżabilità permanenti; (ii) illikwidat l-ammont ta' €62,387.40

bħala danni u kkundannat lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu dan l-ammont lill-attur; u (iii) bl-ispejjeż u bl-imgħax legali skont il-liġi mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fd-19 ta' Lulju, 2012, l-attur fisser li fl-1 ta' Ġunju, 2010 għall-ħabta tad-disa' ta' filgħodu seħħ inċident ġewwa l-infermerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn il-konvenut David Norbert Schembri attakkah fiżikament vjolentement bi xfafar. Jissokta jgħid li filwaqt li l-konvenut Schembri huwa responsabbli f'dan ir-rigward bħala l-persuna li kkawża l-inċident inkwistjoni, il-konvenut Direttur huwa wkoll responsabbli fir-rigward tal-istess inċident billi huwa naqas milli joffri sigurtà adegwata lill-attur u ppermetta illi priġunier ieħor ikollu fuq il-persuna tiegħu xfafar perikolużi li ntużaw sabiex iseħħ l-inċident. Dan apparti mill-fatt illi ma rax li jiġu osservati l-proċeduri kollha għas-sigurtà tal-priġunieri.

3. L-attur jgħid li minħabba dan l-inċident huwa sofra sfreġju u danni ta' natura permanenti f'wiċċu, partikularment f'għajnejh skont kif iċċertifikat mit-tobba. Jissokta jgħid li għalkemm huwa sejjaħ lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba, inkluż b'ittra uffiċjali, huma baqgħu inadempjenti. Minħabba f'hekk fetħu din il-kawża u talbu

lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huwa t-tnejn flimkien unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010 ġewwa l-infermerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, kawża ta' liema inċident sofra sfreġju u danni permanenti f'wiċċu, partikularment f'għajnejh.*

*2.Tillikwida d-danni sofferti minnu riżultat ta' l-inċident hawn fuq imsemmi, jekk hemm bżonn, bil-ħatra ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsuh dik is-somma li tiġi hekk likwidata a favurih.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali skond il-liġi kontra l-konvenuti.«*

4. Id-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin wieġeb fil-5 ta' Ottubru b'risposta maħlufa fejn eċċepixxa:

*«1. L-ebda responsabbiltà ma hi imputabbli fil-konfront tiegħu għall-inċident mertu ta' dina l-kawża u għalhekk it-talbiet attriċi huma bla bażi ġuridika u fattwali.*

*2. L-inċident li seħħ bejn ir-rikorrent u David Norbert Schembri ma kienx wieħed prevedibbli stante li l-intimat Schembri qatt ma kellu xi problemi jew qala' xi nkwiet ta' natura serja ma' priġunieri oħra qabel dan l-inċident mertu ta' din il-kawża.*

*3. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-unika argument li Schembri kellu ma' Borg kien ftit jiem qabel ma seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża. Dan l-argument wassal biex iż-żewġ priġunieri iġġieldu bl-idejn. Wara dan l-argument, Schembri u Borg tpoġġew f'diviżjonijiet differenti sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm kuntatt bejniethom.*

*4. Din hija l-proċedura normali li id-Direttur jimxi biha. F'każ li jkun hemm ġlied bil-kliem biss, il-priġunieri ma jiġux separati mid-diviżjoni. F'każ li jinqala' xi ġlied bl-idejn id-Direttur jipprova jifred lil-priġunieri u jqegħdhom f'diviżjonijiet differenti biex jimminimizza l-istanzi li l-istess priġunieri jiltaqgħu ma' xulxin. Inoltre f'dan il-każ l-attur kien talab biex jibdel id-diviżjoni u għaldaqstant id-Direttur aġevolah.*

*5. Rigward l-allegazzjoni li id-Direttur naqas li joffri sigurtà adegwata lir-rikorrent, għandu jingħad illi id-Direttur għamel dak kollu mitlub minnu fiċ-ċirkostanzi sabiex jevita li jkun hemm xi tip ta' inċident bejn ir-rikorrent u David Norbert Schembri. Kif ingħad aktar 'il fuq l-inċident kien wieħed imprevedibbli li seħħ f'temp ta' ftit sekondi b'dan l-anqas l-uffiċċjal tal-faċilità li kien f'distanza qasira 'l bogħod minnhom ma*

*rnexxielu jilħaq iwaqqaf l-azzjoni.*

*6. Il-fatt li Borg u Schembri kellhom argument ftit jiem qabel ma kinitx indikazzjoni li seta' jiġri dan l-inċident. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi fil-faċilità jkun hemm diversi argumenti bejn il-priġunieri u huwa mpossibbli li titratta kull argument bħallikieku kien xi ndikazzjoni li se jwassal għall-inċident gravi tant li tieħu miżuri biex il-priġunieri li jkunu argumentaw jew iġġieldu, fl-ebda mument ma jiltaqgħu ma' xulxin.*

*7. Id-Direttur ma seta' jagħmel xejn aktar milli għamel fiċ-ċirkostanzi. Għandu jingħad li huwa umanament impossibbli li priġunier ikun taħt għassa kontinwa tal-uffiċjal tal-faċilità u ma jitħalliex jiltaqa' ma' priġunier ieħor fl-ebda ħin minħabba l-fatt li kellu argument wieħed ma' l-istess priġunier.*

*8. Id-Direttur jipprova jpoġġi lill-priġunieri f'diviżjonijiet differenti meta dawk jiġġieldu però ma jiħux miżura aktar serja minn hekk ma jkunx hemm indikazzjoni li jista' jkun hemm xi inċidenti oħra. F'dan il-każ il-ġlieda li kellhom ir-rikorrent Borg u l-intimat Schembri kienet fuq affarijiet li qalu lil xulxin dak il-ħin u mhux fuq xi ħaga li kienet ilha għaddejja bejniethom u dan kif jirriżulta mill-kumpilazzjoni u għaldaqstant id-Direttur ma kellux għalfejn jaħseb li din setgħet tkun ħaġa serja ħafna.*

*9. Postijiet bħal infermerija, fejn proprju seħħ l-inċident, huma postijiet li huma aċċessibbli għal kull priġunier ħlief dawk il-priġunieri li jkun hemm ordni li m'għandhomx jitħallew imorru hemm jekk mhux eskortati. Fil-każ in diżamina ma kien hemm l-ebda ordni bħal din, la fil-konfront ta' Borg u l-anqas fil-konfront ta' David Norbert Schembri stante li qatt ma kien hemm indikazzjoni li hemm bżonn ta' din it-tip ta' sorveljanza. Għandu jingħad li dawn iż-żewġ priġunieri fiż-żmien kollu li kienu ilhom il-faċilità, qatt ma kellhom xi storja ta' ġlied bejniethom.*

*10. L-allegazzjoni li id-Direttur ma rax li jiġu osservati l-proċeduri kollha għas-sigurtà tal-priġunieri hija wkoll infondata stante li ma kien hemm ebda proċedura li ma ġietx osservata dakinhar ta' l-inċident. Inoltre r-rikorrent ma indika l-ebda forma ta' proċedura li d-Direttur naqas li josserva.*

*11.L-arma li biha Schembri aggredixxa lill-attur kienet magħmula minn lighter, xafra tal-leħja kif ukoll skieken tal-plastik u dan kif jidher mill-anness dokument immarkat bħala Dok DFK3. Dawn huma kollha oġġetti li huma permissibbli ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u dan għaliex il-priġunieri jkollhom bzonn jagħmlu użu minnhom kuljum. Fil-fatt lighters u xfafar huma oġġetti li jistgħu jixtraw mill-Faċilità stess. Fir-rigward tas-skieken, il-priġunieri ikollhom aċċess għal skieken tal-plastik waqt l-ikel.*

*12.Id-danni li allegatament sofra l-attur kawża ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża ġew ikkawżati unikament mill-konvenut Schembri. Bl-*

*intenzjoni malizzjuza tiegħu huwa rnexxielu juża' l-oġġetti li huwa kellu għall-użu personali tiegħu sabiex jagħmel arma u jattakka lir-rikorrent. Illi skont l-Artikolu 1031 tal-kap 16 "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu".*

*13. L-inċident seħħ f'temp ta' ftit sekondi u ma kienx possibbli għall-uffiċċjal li kien biswit il-waiting room li jmur jifridhom sabiex ma jweġġgħux lil xulxin.*

*14. Wara li seħħ l-inċident, id-Direttur informa mill-ewwel lill-pulizija sabiex issir l-inkjesta neċessarja. Inoltre r-rikorrent ittieħed mill-ewwel l-isptar sabiex ikun jista jingħata l-kura meħtieġa, fejn hemmhekk ingħata l-kura u ntbagħat lura l-faċilità 'l għada.*

*15. Huwa manifest illi kull danni sofferti mir-rikorrent kienu l-konsegwenza ta' aġir ta' Schembri u mhux ta' xi nuqqas da parti tad-Direttur u għaldaqstant, id-Direttur m'għandux jinstab responsabbli għal kwalunkwe dannu.«*

5. Il-konvenut David Norbert Schembri għalkemm debitament notifikat ma ppreżentax tweġiba maħlufa.

6. B'sentenza finali mogħtija nhar is-7 ta' Mejju, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«1.Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenuti huwa t-tnejn unikament u solidalment responsabbli għall-inċident illi seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010 ġewwa l-infermerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, kawża ta' liema inċident l-attur sofra sfreġju u danni permanenti f'wiċċu, partikularment f'għajnejh.*

*2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur riżultat ta' dan l-inċident fis-somma ta' €62,387.40.*

*3. Tilqa' t-tielet talba Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsu lill-attur l-istess somma ta' €62,387.40.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-konvenuti mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.«*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«**Kunsiderazzjonijiet legali***

***1) responsabbiltà amministrattiva***

*Illi r-responsabbiltà amministrattiva f'Malta, għalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, hija wkoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cjoè fid-dritt ordinarju li huma applikabbli għaċ-ċittadini privati sakemm il-liġi ma teżentahiex speċifikament speċifikament minn tali responsabbiltà[1]";*

***2) responsabbiltà ommissiva***

*Illi l-wisq għaref Imħallef Philip Sciberras, sedenti f'din il-Qorti, f'sentenza dwar kawża li inċidentalment ukoll kienet tinvolvi inċident ġewwa l-Faċilità, irrimarka li: "Wisq raġonevolment, kif saput, għall-fatt jew l-att jekwivali l-ommissjoni individwabbli fuq il-bażi ta' norma tal-liġi jew ta' qagħda speċifika li tesigi attività determinata għat-tutela tad-dritt ta' ħaddiehor. Jikkonsegwi illi r-rapport ta' kawżalità jseħħ dejjem fejn jiġi ndividwat obbligu pożittiv ta' kondotta li l-inosservanza tagħha ġġib fuq il-bażi tal-ġudizzju tal-kawzalità l-event dannuż. Dan jghodd ukoll fil-każ ta' kolpa ravviżabbli fl-Amministrazzjoni Pubblika. Id-dottrina hi wkoll f'din l-istess direzzjoni. Hekk skond Figone – Spallarossa, "**La colpa in la responsabilità civile**", Torino, 1987, p. 50) fir-rigward tal-kolpa omissiva jingħad illi "è implicito nella stessa nozione di negligenza, imperizia ed imprudenza l'aver omesso una cautela, che sarebbe servita per evitare l'evento". U skond il-Franzoni **(L-Illecito**, paġna 41) r-responsabbiltà għal kolpa omissiva intiża f'sens strett u tekniku "viene in essere allorquando l'evento è derivato dalla mancata attività del responsabile, il quale aveva l'obbligo giuridico di attivarsi". F'sens bejn wieħed u ieħor l-istess hi d-dottrina klassika. Skond il-**Giorgi** (Obbligaz. Vol. IV para 151) "quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressioni di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma qui non facit quod facere debet videtur, facere adversus ea quae non fecit"[2] ;*

***3) livell ta' diliġenza***

*Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar**".[3] Għalhekk, il-livell li l-liġi tistenna li jintlaħaq huwa, bħala regola ġenerali, dak tal-bonuspaterfamilias. Dan iżda mhux sempliċiment parametru astratt, imma jintrabat mal-istandards meħtieġa fl-attività partikolari li tkun qiegħdha ssir.*

---

1 Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha in re: "***Elmo Insurance Services Limited -vs- PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal- Pulizija***", 5 ta' Ottubru, 2001

2 ***Vincent Chetcuti v Direttur Generali tal-Habs*** *-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2010,*

3 Artiklu 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili

*Fi kliem il-**Franzoni**, "Si ritiene che costituisca negligenza la violazione di regole socialmente tipizzate, le quali indicano il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine… Si ritiene che costituisca imperizia la violazione di quelle regole tecniche generalmente seguite in un particolare settore di attività…*

*La rappresentabilità, la prevedibilità e la evitabilità dell'evento non sono concetti estranei a quelli di standard di diligenza, prudenza e perizia… non è imprevedibile ed inevitabile l'evento che, in concreto, quell'autore non si sia rappresentato, ma è di norma imprevedibile ed inevitabile quell'evento che l'autore, avendo tenuto una certa condotta conforme ad uno standard, non era tenuto a prevedere o ad evitare…*

*Per di più un canone è standard in riferimento ad ogni settore di attività, nel quale partecipano soggetti differenti o, quantomeno, per il quale sono richieste qualità differenti nei soggetti che vi partecipano: non è lo stesso criterio di uomo medio che consente di valutare la condotta del conducente di un monopattino rispetto alla condotta dell'appaltatore che, nell'esecuzione di opera, lascia crollare un ponteggio sui passanti. In ogni modo, ad assumere rilievo non è mai la condizione psichica dell'agente o la sua coscienza desunta dalla prevedibilità soggettiva dell'evento".*[4]

***4) obbligu ta' viġilanza ta' awtoritajiet ta' ħabs***

*Illi kulħadd għandu jedd fundamentali għall-ħajja. Dan id-dritt ifisser mhux biss li l-Istat għandu l-obbligu negattiv li ma jneħħux il-ħajja f'każijiet mhux iġġustifikati imma wkoll l-obbligu pożittiv li jieħu l-miżuri xierqa biex jissalvagwardja l-ħajja, u dan jinkludi l-obbligu li jipproteġi lill-individwu minn terzi persuni.*[5]

*Skont **William A. Schabas, The European Convention on Human Rights**[6] , "As a general rule, 'persons in custody are in a vulnerable position and... the authorities are under a duty to protect them.*[7] *There is a positive obligation to protect a detainee if the authorties 'knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual by a third party or himself and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk. But even if it cannot be established that the authorties knew or should have known of such risk, certain precautions must be taken by police officers and prison officials in order to protect the health and*

[4] **Massimo Franzoni**, *L'Illecito* 2a ediz. 2010, paġni 191, 192 u 193
[5] App. No. 9438/81 (Dec.) 28 February 1983, 32 D.R. 190 iċċitata minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights, 5th Edition, 2015, para 73-004 paġna 922
[6] Oxford, 2015, page 133, 'Detainees'
[7] Salman v Turkey (GC) no. 21986/93, ECHR 2000-VII

*well-being of a person who has been detained*[8].

*Skont iċ-***Charlesworth & Percy On Negligence**[9] *"A duty of care was owed by the prison authorities to a serving prisoner, who was seriously assaulted by fellow-prisioners in a high-security prison" – u jiċċita* **Porterfield v Home Office**[10]*: "In considering whether an assistant governor had discharged his duty to the prisoner, it was necessary to take into account the type of man the prisoner was, the circumstances at the relevant time, as they were known to the governor, and that the latter, having been involved in the day-to-day running of the prison block, had a feel for the atmosphere being generated in the block".*

*Illi l-attur fetaħ din il-kawża kontra żewġ konvenuti: lill-aggressur u lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn huwa u l-aggressur kienu t-tnejn priġunieri. Fonti tar-responsabbiltà li l-attur qiegħed jimputalhom huwa d-delitt. Huwa ddikjarat ċar u tond mil-leġislatur li "***kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu***"*[11]*. Id-differenza bejn iż-żewġ konvenuti hi li filwaqt li l-ħsara imputata lill-aggressur hija provenjenti minn att ta' kommissjoni, konsistenti f'egħmil kriminali; dik imputata lid-Direttur hija waħda ta' ommissjoni, billi "***jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja***".*[12]

*L-awtoritajiet responsabbli minn faċilità korrettiva u l-uffiċċjali kollha tal-istess faċilità għandhom l-obbligu li jħarsu u jipproteġu l-ħajja u s-saħħa tal-priġunieri, u jħarsuhom mill-abbuż. Dan ifisser li jridu jieħdu azzjoni xierqa u proporzjonata sabiex jipproteġuhom. Dan l-obbligu jaqa' taħt l-***Artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** *li jimponi obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istat li jieħu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġi individwu li l-ħajja tiegħu tinstab f'riskju.*

*Jekk l-uffiċċjali ta' faċilità korrettiva ma jieħdux azzjoni raġonevoli u proporzjonali biex priġunier ma jiġix attakkat minn priġunieri oħrajn, l-awtoritajiet responsabbli, kif ukoll huma stess, jistgħu ikunu responsabbli għad-danni.*

*X'inhu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ifisser li l-uffiċċjali tal-faċilità korrettiva iridu iqisu n-natura u l-gravità tal-periklu għall-priġunier partikolari, u jieħdu ċerti miżuri li jemmnu li jkunu tajbin biżżejjed biex iħarsu lill-priġunier. F'dan ir-rigward għandhom iqisu li l-faċilitajiet korrettivi huma postijiet perikolużi u li uħud mill-priġunieri huma nies perikolużi. Il-livell ta' ndokrar ġewwa huwa tabilfors differenti minn dak li jrid jiġi eżerċitat f'postijiet fejn b'mod ġenerali jmorru nies li jobdu l-liġi, bħal shopping centre. Fil-każ ta' faċilità*

[8] Keller v Russia, no. 26824/04 para 82, 17 October 2013
[9] 1997, para.2-43, paġna 41
[10] The Times, March 6, 1988
[11] Artiklu 1031 tal-Kodiċi Ċivili
[12] Artiklu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili

*korrettiva, l-awtorità pubblika hija nkarikata bil-kura u kustodja ta' persuni miżmumin hemm kontra r-rieda tagħhom. Hemm dejjem il-periklu li tfaqqa' l-vjolenza. U ħadd għajr l-awtoritajiet tal-faċilità ma jista' jħares lil min ikun fil-mira tal-vjolenza minn priġunieri oħrajn. Ħafna mill-priġunieri jkunu hemm preċiżament għax huma periklu, ħafna drabi periklu fiżiku, għall-komunità. Huwa fatt notorju li mingħajr superviżjoni stretta, uħud mill-priġunieri jabbużaw serjament minn priġunieri oħrajn.*

***Applikazzjoni tad-duty of care għall-każ preżenti***

*Illi huwa intuwittiv li mhux kull feriment riżultanti minn ġlieda bejn priġunieri huwa responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-ħabs. Dawn għandhom obbligu ta' viġilanza biex il-priġunieri ma jweġġgħux lil xulxin. Il-livell ta' viġilanza jvarja skont iċ-ċirkostanzi; peress li viġilanza żejda tista' xxekkel il-ftit libertà li l-priġunieri jibqgħalhom fuq ħajjithom. Naturalment wieħed jistenna li f'post tal-ħabs, fi kwalunkwe każ il-livell ta' viġilanza jkun wieħed għoli tenut kont tan-natura tal-post innifsu fejn persuni jiġu miżmumin fi spazji ristretti kontra r-rieda tagħhom, jiffaċċjaw kontinwament priġunieri oħra ikollhom jew ma jkollhomx pjaċir bihom, anke jekk ikunu aggressivi fil-konfront tagħhom. Ambjent bħal dan huwa inkubatur perikoluż ta' konflitti personali. F'dan il-każ partikolari, il-konvenut, għalkemm ma kellux storja ta' konflitt mal-attur, kien għadu kif ħebb għalih xi jiem qabel; u kien qiegħed il-ħabs minħabba omiċidju vjolenti tas-sieħba tiegħu. Kellu għalhekk ikun ċar għall-awtoritajiet tal-ħabs li kien bniedem perikoluż u ta' min iżomm għajnejh fuqu. Il-Qorti tifhem li mhux kull ġlieda bejn priġunieri għandha twassal li dawn jinfirdu fil-ħinijiet kollha. Iżda f'dan il-każ kellhom jixgħelu l-bozoz ħomor fl-ewwel lok għaliex il-konvenut huwa bniedem perikoluż u t-tieni għaliex l-attur ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-biża' kbir li kellu li jerġa' jiġi aggredit, tant li ġie trasferit għal diviżjoni oħra tal-ħabs. L-attur isostni – u ma ġiex ikkontro-eżaminat fir-rigward – li nħarġet ordni sabiex fl-ebda ħin ma jkollu kuntatt mal-konvenut. L-awtoritajiet tal-Ħabs, min-naħa l-oħra, taw xhieda kontradittorja; min jgħid li ngħatat u min jiċħad li ngħatat ordni bħal din. Xhieda li turi atteġġjament laxk fejn tidħol is-sigurtà tal-priġunieri. Il-Qorti hija konvinta li ordni bħal din fil-fatt ingħatat iżda ma ġietx segwita. Anke kieku kien il-każ li ordni bħal din ma nħarġitx, id-Direttur kien ikun ħati ta'nuqqas serju tal-obbligu ta' viġilanza. Ċertament kien fattibbli, jew kellu jkun loġistikament fattibbli, li l-attur u l-konvenut ma jitħallewx imorru l-klinika tal-isptar fejn seħħ l-inċident fl-istess ħin bla ma jkunu akkumpanjati u l-attur protett b'mod adegwat;*

*Illi min-naħa l-oħra ma ssib l-ebda ħtija ommissiva fid-Direttur għall-fatt li l-konvenut Schembri għamel arma minn blade tal-leħja u oġġetti oħrajn li kienu permissibbli fil-ħabs;*

***Likwidazzjoni tad-danni:***

*Ma ngħatat l-ebda prova dwar damnum emergens.*

*Dwar lucrum cessans, jirriżulta mir-rapporti tal-periti mediċi maħturin minn din il-Qorti li l-attur sofra diżabilita` ta' 24%.*[13] *Dam madwar sentejn il-ħabs fuq pussess ta' droga. Ma jiftakarx daħalx fil-2008 jew 2009*[14]*. Jidher li l-attur kellu 31 sena meta seħħ l-inċident. Fiċ-ċirkostanzi sejra taddotta multiplier ta' 28. Il-minimum wage telgħet minn €162.19 fil-ġimgħa fit-2013 sa €178.51 fit-2019.*

*Il-Qorti sejra tieħu l-minimum wage preżenti bħala medja, tenut kont li din mistennija tibqa' tiela'. Għalhekk: €9,282.52 x 28 sena x 24% = €62,387.40.*

*Il-Qorti mhix sejra tnaqqas ammonti li l-attur jista' jirċievi bħala pensjoni tal-għomja, kif jippretendi l-konvenut Direttur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.*

*Skont kif din il-Qorti kif ippreseduta ddeċidiet f'kawżi oħra mhix sejra titnaqqas is-somma minħabba li qed tingħata lump sum; l-ewwel nett għaliex tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens meta kien jingħata imgħax ta' 5% fuq depożiti fissi u mhux illum meta ma jingħata prattikament l-ebda imgħax u t-tieni nett billi għaddew kważi 10 snin mill-inċident.«*

8. Il-konvenut Direttur appella minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fl-24 ta' Mejju, 2019 bl-aggravji jkunu: (i) Id-direttur ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident mertu tal-każ tallum; (ii) mingħajr ħsara għall-ewwel aggravju, fil-komputazzjoni tad-danni, il-*multiplier* użat mill-Ewwel Qorti kien wieħed eċċessiv; (iii) l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas l-ammont minħabba l-*lump sum payment*; (iv) mill-komputazzjoni tad-danni l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas il-benefiċċji li l-attur qiegħed jirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minħabba d-diżabilità illi huwa għandu; (v) l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lid-Direttur solidalment responsabbli mal-konvenut għall-inċident; u (vi) il-komputazzjoni matematika li għamlet l-Ewwel Qorti hija ħażina.

[13] Fol. 395
[14] Fol. 277

9. L-attur wieġeb fl-14 ta' Ġunju, 2019, u ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Il-konvenut Schembri la ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u ma weġibx għall-appell imressaq mid-Direttur appellant.

11. Inżamm smigħ fit-23 ta' Novembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Din hija kawża għal-likwidazzjoni ta' danni wara inċident li seħħ ġewwa l-Infermerija (MI Room) fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Il-kawża nfetħet kontra l-allegat aggressur u kontra d-Direttur tal-Faċilità li qiegħda tiġi addebitata b'nuqqas ta' sorveljanza u ħarsien għas-sigurtà tal-attur.

13. Fil-qosor, il-fatti li taw lok għall-proċeduri tal-lum huma:

(i) Noel Borg u David Norbert Schembri kienu priġunieri fid-data tal-inċident u anke qabel din id-data u kienu miżmuma ġewwa l-Faċilità.

(ii) Jirriżulta li oriġinarjament kienu qegħdin jinżammu f'Diviżjoni numru 1.

(iii) Fis-27 ta' Mejju, 2010, (l-attur isemmi li kien fis-26 ta' Mejju, 2010 u l-uffiċjali fis-27 ta' Mejju, 2010. Min-notament esibit Dok FK2 jidher li kien fis-27 ta' Mejju, 2010) ċjoè ftit jiem qabel l-inċident mertu tal-proċeduri tal-lum, l-attur u l-konvenut Schembri kellhom xi jgħidu tant li ġew fl-idejn u kellhom jitferrqu mill-gwardjani. Il-Maġġur Francis Agius xehed[15] li dakinhar huwa ra lill-konvenut Schembri ġox-xower b'sinjal aħmar ġo moħħu.

(iv) L-istess Francis Agius bħala Kap tac-Central Hall jixhed li ħa d-deċiżjoni li jċaqlaq lil Borg għal Diviżjoni 3 u Borg qabel. Il-Maġġur Agius qal li huwa firidhom biex ma jiltaqgħux.

(v) Il-konvenut Schembri baqa' fid-Diviżjoni 1.

(vi) Qabel dan l-inċident tas-27 ta' Mejju, 2010 ma jirriżultax li qatt kien hemm xi nkwiet bejn Borg u Schembri, u dan anke kif ikkonfermat mill-attur waqt il-kontroeżami tiegħu[16]. Fi kliemu stess, lanqas ma kienet xi ġlieda kbira.

[15] Fid-19 ta' Novembru, 2013
[16] Fl-1 ta' Ottubru, 2015

(vii) Fl-1 ta' Ġunju, 2010 Borg mar l-Infermerija sabiex jingħatalu l-*methadone* bħal ma kien jiġri kull filgħodu. L-attur fisser[17] li l-Infermerija għandha żewġ bibien – wieħed tal-ħadid u l-ieħor tal-aluminjum. Dak tal-ħadid ikun miftuħ u l-ieħor iħalluh magħluq. Huwa u ħiereġ fetaħ il-bieb u Schembri kien lest mal-bieb l-ieħor tal-ħadid u kif għamel l-ewwel pass fetaħ il-bieb u xejjirilu mal-ewwel. Din il-verżjoni hija korroborata mill-Gwardjan Roderick Mifsud (li s-soltu xogħlu kien li jikkordina l-Infermerija iżda dakinhar kien stazzjonat x'imkien ieħor) li inzerta kien fil-kuridur fejn hemm l-entratura tal-Infermerija jitkellem ma' PC 1522 li xehed li ra lil Noel Borg ħiereġ mill-bieb u ra lil Schembri dieħel. Dak il-ħin ra lil Schembri jgħolli jdejh lejn wiċċ Borg. Minnufih huma firdu lil Borg u Schembri minn ma' xulxin u taw l-ewwel għajnuna lil Borg. Mifsud jgħid li l-attur ma rreaġixxix għad-daqqa. Dan ix-xhud ikkonferma li anke Schembri kien imur għall-*methadone* kull filgħodu.

(viii) L-inċident seħħ barra l-Infermerija.

(ix) L-arma li l-konvenut Schembri għamel użu minnha biex iweġġa' lill-attur saret minnu stess. L-ex-Spettur Alex Grech fisser[18] li kienet magħmula minn biċċa plastik li magħha kellha xafra mkissra u rroljat u x-xfafar miżmumin mal-plastik bil-*masking tape.*

[17] Kontroeżami li sar fl-1 ta' Ottubru, 2015
[18] Fis-27 ta' Mejju, 2013

(x) Kawża ta' dan l-inċident, Noel Borg ġarrab ġrieħi f'wiċċu u f'għajnejh u l-espert mediku ikkonkluda li Borg għandu diżabilità ta' 24%.

14. Il-liġi (ara l-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**) titkellem ċar dwar ir-responsabbiltà ta' għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Ikun ħati ta' għemil bħal dan, kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (ara l-**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir li huwa meħtieġ mil-liġi, ukoll jekk dak li għamel ikun mingħajr ħsieb li jagħmel id-deni (ara l-**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili**). Wieħed irid jagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li tiġri minħabba dan in-nuqqas. Dan wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbiltà ċivili mnissla minn għemil doluż jew kolpuż (ara ***Michael D'Amato noe v. Filomena Spiteri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003).

15. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-ħsara mwettqa waqt ġlieda jew ħbit, hekk kif inhuwa dan il-każ, mhijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għemil kriminuż veru u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali (ara ***Francesco Gauci v. Salvatore Gauci*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 1956, ***Alfred Sciberras v. Walter Steel*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-

2 ta' Marzu, 2006 u ***Marisa Higgins et v. Paul Bonnici et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2020).

16. Qabelxejn jeħtieġ li jingħad li mill-provi rriżulta ċar li l-konvenut David Norbert Schembri ħabat għall-attur nhar l-1 ta' Ġunju, 2010 meta huma kienu t-tnejn priġunieri ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u kkawżalu ġrieħi serji ħafna tant li Borg għandu debilità permanenti kaġun ta' dan l-inċident. Dwar dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni. L-istess konvenut Schembri m'appellax mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li sabitu responsabbli għall-inċident fil-ħabs u kkundannatu jħallas danni solidalment mad-Direttur.

17. Meqjus dan, ngħaddu sabiex nibdew nistħarrġu l-aggravji tad-Direttur. Tqis li l-ewwel u l-ħames aggravji għandhom jitqiesu f'daqqa.

18. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu, id-Direttur appellant jgħid li huwa ma kellux jinstab responsabbli tal-inċident li seħħ. Jgħid li mhux kontestat li l-ġrieħi li ġarrab l-attur saru mill-konvenut Schembri. L-appellant jinsisti li dan l-inċident kien wieħed imprevedibbli u huwa ma setax ibassar dak li kien se jiġri u b'hekk seta' jagħmel xi ħaġa aktar milli għamel biex jevita li jseħħ dan l-inċident. Jisħaq li ma jistax jingħad li m'użax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Jgħaddi għalhekk billi jsemmi r-raġunijiet li fil-fehma tiegħu jsaħħu l-aggravju tiegħu: (i) l-attur u

l-konvenut Schembri kellhom iċ-ċella fl-istess diviżjoni għat-tul kollu li l-attur kien ilu priġunier u qatt ma kien hemm problemi jew ġlied bejniethom. B'hekk ma kienx hemm ħtieġa li l-konvenut Schembri jiġi iżolat waħdu jew ma jitħalliex jiltaqa' mal-attur; (ii) l-argument li kien hemm ftit jiem qabel l-inċident, li qegħdin nistħarrġu, bejn l-attur u l-konvenut Schembri kien battibekk żgħir, kif anke mistqarr mill-istess Noel Borg; (iii) kemm id-Direttur fiż-żmien tal-inċident, Abraham Zammit kif ukoll uffiċjali oħra xehdu li argumenti bħal dak li kellhom l-attur u l-konvenut Schembri fl-ewwel inċident huwa xi ħaġa ta' kuljum u mhux prattiku u lanqas hemm il-ħtieġa li kull darba l-priġunieri konċernati ma jitħallewx jiltaqgħu ma xulxin f'ebda ħin. Fil-każ tagħna, id-Direttur jgħid li ċ-ċirkostanzi ma kienux tali li tinħareġ ordni li dawn qatt ma jiltaqgħu mkien. Minkejja li Zammit u uffiċjali oħra xehdu li din l-ordni ma ngħatatx, l-Ewwel Qorti xorta waħda kkonkludiet li din l-ordni ngħatat iżda ma ġietx imħarsa u li anke li kieku ma kienx hemm ordni xorta waħda d-Direttur kien ikun ħati ta' nuqqas serju tal-obbligu ta' viġilanza. L-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li l-attur ma ġiex kontroeżaminat f'dan ir-rigward u meta xehdu l-uffiċjali li semma Noel Borg ċaħdu li ordni biex l-attur u Schembri ma jiltaqgħux kienet ingħatat; (iv) ikompli li l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra li l-priġunieri jridu jgħixu ma' xulxin u kif jinqala' anke f'ambjent ta' familja, battibekki u argumenti jinqalgħu spiss iżda dan ma jfissirx li ma' kull argument il-priġunieri ma jitħallewx jiltaqgħu ma' xulxin għaliex dan jiġri biss f'ċirkostanzi gravi; (v) għal dak li huwa l-inċident li wassal

għall-ġrieħi f'għajnejn l-attur, l-appellant jgħid li dan seħħ barra l-MI Room u l-arma li biha Schembri attakka lil Borg kienet magħmula minn żewġ skieken tal-plastik li bejniethom kien hemm xafra tal-leħja. Dawn l-oġġetti huma permissibbli li jinżammu ġewwa l-ħabs u kif xehed Abraham Zammit l-arma setgħet saret fi ftit minuti. Zammit fisser li x-xfafar huma żgħar biex jitnaqqas il-periklu però huma bżonn u ma jistgħux jgħaddu mingħajrha. Lanqas jista' jimponi li xafra tintrema eżatt wara li tintuża għaliex ikun hemm min ma jiflaħx jixtri waħda kuljum. L-Ewwel Qorti għarfet dan kollu u ma sabet ebda ħtija ommissiva fih minħabba f'hekk; (vi) l-inċident seħħ fi ftit sekondi u seħħ anke jekk kien hemm gwardjani barra l-infermerija. Fuq kollox l-uffiċjali mill-ewwel irrispondew biex jifirdu liż-żewġ priġunieri u l-attur ingħata l-kura kollha meħtieġa. Jgħid li kien hemm gwardjani ġewwa l-MI Room kif ukoll uffiċjal tal-*Special Response Team* (SRT) barra l-istess kamra; (vii) ma jirriżultax li l-konvenut Schembri qatt aggredixxa lil ħaddieħor qabel l-inċident inkwistjoni; (viii) billi l-arma użata kienet waħda improvizzata u allura lanqas jista' jingħad li l-uffiċjali tal-ħabs m'għamlux xogħolhom sew f'dak li huma tfittxijiet li jsiru regolarment, u fuq kollox l-arma kienet magħmula minn oġġetti permissibbli li jinżammu mill-priġunieri.

19. L-attur laqa' għal dan l-aggravju billi tenna li (i) huwa stat ta' fatt li l-appellant Direttur bħala l-persuna inkarigata sabiex tamministra l-Faċilità huwa responsabbli għall-persuni miżmuma fiż-żmien li dawn

ikunu qegħdin jirrisjedu hemm. Jiġi b'hekk li l-appellant huwa responsabbli wkoll għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-priġunieri inkluż d-dritt tal-ħajja, sigurtà tal-persuna u l-protezzjoni tal-liġi hekk kif sanċit mill-**Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**; (ii) jgħid li l-Ewwel Qorti qalet sew li l-appellant ma ġabx ruħu bħala missier tajjeb ta' familja fit-twettiq tad-dmirijiet u obbligi tiegħu; (iii) l-appellat għaraf il-gravità tal-ewwel inċident li seħħ bejnu u bejn Schembri tant li talab minnufih sabiex jiġi mċaqlaq għal diviżjoni oħra. Jgħid li kuntrarjament għal dak li xehed Zammit u wħud mill-uffiċjali, l-ex Spettur tal-Pulizija Alex Grech ikkonferma l-verżjoni mogħtija minnu li kienet ingħatat ordni bil-għan li ma jiltaqgħux; (iv) id-Direttur konvenut irid ikollu għarfien tal-perikolożità tal-priġunieri taħt il-kontroll u superviżjoni tiegħu. Schembri kien persuna akkużata u kkundannat għal għomru l-ħabs għal qtil vjolenti, proprju b'arma b'xafra tas-sieħba tiegħu, li laqtet mingħandu mas-sittin daqqa b'arma bix-xafra. B'hekk id-Direttur naqas li jevalwa r-riskju u jieħu passi rimedjali biex inaqqas il-periklu għal persuni li għas-sigurtà tagħhom bilfors iridu jħarsu lejh; (v) tant l-ordni kienet ingħatat li bejn l-ewwel inċident u dak tal-1 ta' Ġunju, 2010 kienu għaddew ftit jiem fejn l-attur u l-konvenut ma kienux iltaqgħu. Jgħid li mill-provi rriżulta li ma ttiħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex din l-ordni tiġi eżegwita, fosthom li jiġu nfurmati l-uffiċjali kollha dwar din l-ordni u jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa kollha sabiex dawn ma jiltaqgħux ġewwa l-MI Room. Mhux skużanti li d-Direttur jgħid li ma jkollux biżżejjed riżorsi u kontroll fuq il-

faċilità li jamministra sabiex jagħmel ċert li żewġ priġunieri ma jiltaqgħux ġewwa kamra partikolari; (vi) in-negliġenza toħroġ ukoll mill-fatt li l-preżenza tal-uffiċjali u gwardjani tal-ħabs fil-post fejn seħħ l-inċident kienet minima kif ukoll ineffettiva sabiex tipprevjeni l-inċident; (vii) in-negliġenza tad-Direttur toħroġ ukoll minn diversi fatturi relatati mal-arma li uża l-konvenut Schembri biex wettaq l-attakk tiegħu. Jissokta jgħid li filwaqt li l-ħtieġa ta' regolament rigward l-iġjene tal-priġunieri mhux miċħuda mill-attur, dan ma jfissirx li l-aċċess għax-xfafar għandu jkun wieħed bla limitu; (viii) magħdud ma' dan, hemm ukoll kwistjoni dwar kif isiru t-tfittxijiet għaliex filwaqt li x-xhieda kollha kkonfermaw li dawn isiru però hemm ambigwità u inkonsistenzi rigward jekk kinux isiru b'mod regolari, kif ukoll jekk jinżammux *logs* ta' dawn it-tfittxijiet; (ix) joħroġ ċar mill-provi li kien hemm negliġenza fiż-żamma tal-liġi, fiż-żamma tas-CCTV u negliġenza li waslet lill-partijiet jiltaqgħu ġewwa l-ħabs.

20. Din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti wettqet analiżi tajba tal-prinċipji li jirregolaw l-materja inkwistjoni.

21. Kif diġà ingħad, huwa magħruf li, fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà mnissla minn għemil jew nuqqas ta' għemil mistenni, kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**). Minħabba din ir-regola ewlenija fil-qasam tad-dritt, joħroġ li kull ħsara li sseħħ minħabba l-għemil jew in-nuqqas ta' ħaddieħor hija ħsara li

jistħoqqilha tingħata kumpens. L-għajn ewlenija tar-responsabbiltà ċivili f'dan ir-rigward tinstab f'dik l-imġiba li tissarraf f'*dolus* jew f'*culpa* li tikkonsisti f'dak in-nuqqas ta' għaqal, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias* (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe v Filomena Spiteri et****).* Din il-ħtija titnissel ukoll jekk kemm-il darba xi ħadd jonqos li jwettaq xi ħaġa li biha jikser dmir impost mil-liġi (Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili). Ħtija mnissla f'ċirkostanza bħal din twassal lil min ikun biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

22. Illi biex isseħħ ħtija b'nuqqas jew b'omissjoni, jeħtieġ iżda li jintwera li kien hemm ksur ta' xi dmir li għat-twettiq tiegħu xi ħadd kien marbut li jagħmel xi ħaġa li baqa' m'għamilx (**Giorgi** *Delle Obbligazioni*, Vol. IV § 151). Dan irid jintwera minn min ikun ġarrab id-dannu minħabba nuqqas bħal dak. Irid jintwera wkoll li l-persuna li naqset milli twettaq xi ħaġa kienet legalment marbuta li ma ġġibx ħsara lil ħaddieħor jew lill-jeddijiet tiegħu, u mhux biżżejjed li jintwera li dik il-persuna tkun naqset li tgħin jew li tagħti servizz lill-persuna mġarrba b'dak in-nuqqas (App. Ċiv. 30.6.1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef v. Bondin*** (Kollez. Vol: LXXXI.ii.581). (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***R. Von Brockdorff Insurance Agency Ltd nomine v. Falcotrans Limited***).

23. Illi huwa prinċipju aċċettat li biex tinstab ħtija ta' omissjoni f'awtorità pubblika jrid jintwera li l-ġrajja li minnha jitnisslu d-danni trid tkun waħda li kienet prevedibbli u li setgħet, b'għaqal u b'diliġenza ordinarja preventiva, tevita dik il-ħsara (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) deċiża fid-19 ta' Mejju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Delia v. Segretarju Permanenti u Direttur Dipartiment tat-Toroq et***; u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Borg et v. Direttur Ġenerali Diviżjoni tal-Ikel u Attività Veterinarja et***).

24. Relevanti ukoll għaċ-ċirkostanzi li għandna quddiemna, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' April, 2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Chetcuti v. Direttur Ġenerali tal-Ħabs et***[19] ikkwotata wkoll mill-Ewwel Qorti. F'din is-sentenza ġie mtenni li sostanzjalment, identika kemm għad-dottrina moderna u dik aktar antika (ara **Fadda**, **Giurisprudenza del Codice Civile**, Vol. V p 721) «*hu imprexindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż*«. (Ara s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***John Debono et v. Negte Joseph Muscat proprio et nomine*** deċiża mill-Appell Kummerċjali fis-26 ta' Frar, 1960 u ***Giovanni Sarè v. Carmelo Farrugia et***, deċiża mill-Appell Kummerċjali, fis-6 ta' Frar, 1928. Dik il-Qorti kompliet li: *«Wisq raġonevolment, kif saput, għal fatt jew l-att*

[19] Il-fattispecie tal-każ kienu kemxejn differenti, madankollu l-prinċipji msemmija fis-sentenza jgħoddu xorta waħda għall-każ tagħna.

*jekwivali l-ommissjoni individwabbli fuq il-bażi ta' norma tal-liġi jew ta' qagħda speċifika li teżiġi attività determinata għat-tutela tad-dritt ta' ħaddieħor. Jikkonsegwi illi r-rapport ta' kawżalità jseħħ dejjem fejn jiġi individwat obbligu pożittiv ta' kondotta li l-inosservanza tagħha ġġib fuq il-bażi tal-ġudizzju tal-kawżalità l-event dannuż. Dan jgħodd ukoll fil-każ ta' kolpa ravviżabbli fl-Amministrazzjoni Pubblika. Id-dottrina hi wkoll f'din l-istess direzzjoni.«*

25. F'din l-istess sentenza, ingħad ukoll li *«Fuq l-istat tal-provi u tal-liġi u tar-Regolamenti applikabbli l-Qorti sensibilment tara li fiċ-ċirkostanzi kien indikat bħala miżura ġenerali tad-diliġenza imposta mir-rispett tal-preċett fondamentali tan-neminem laedere d-dover ta' protezzjoni li kellu, b'dan, jiġi akkordat mill-istess konvenuti lill-persuna inkarċerata«.*

26. Imħaddem dan it-tagħlim ġurisprudenzjali għall-każ tagħna, din il-Qorti tqis li d-Direttur appellant m'għandux raġun jgħid li huwa ma kellu ebda responsabbiltà għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2010. Din il-Qorti tqis li mill-provi rriżulta li kien hemm nuqqas ta' ħarsien ta' indukrar fil-Faċilità, liema indukrar kien jaqa' fuqu. Tqis li ladarba l-istess Direttur ammetta li inċidenti bejn priġunieri huma normali huwa ovvju li l-ewwel inċident li seħħ bejn l-attur u l-konvenut sa ċertu punt ma ngħatax l-importanza meħtieġa. Huwa minnu li l-attur intbagħat f'diviżjoni oħra, iżda xi skop hemm u kemm allura se jkun effettiv it-tbegħid ta' priġunier għal

diviżjoni oħra jekk imbagħad l-istess priġunieri jistgħu jiltaqgħu f'postijiet oħra ġewwa l-Faċilità? Jiġi b'hekk li jekk għandu jitwemmen l-attur li kien hemm ordni biex ma jiltaqax ma' Schembri, huwa ovvju li din l-ordni ma tħarsitx. Jekk min-naħa l-oħra din l-ordni ma ngħatatx jitqajjem dubju li l-kwistjoni ma tqiesitx sew min-naħa tal-amministrazzjoni. Dan il-ħsieb huwa msaħħaħ mix-xhieda tal-Maġġur James Abela (li kien jieħu ħsieb l-SRT) meta fisser li l-iskop li priġunieri li jargumentaw jiġu separati huwa biex *«kemm jista' jkun il-priġunieri li jkollhom xi jgħidu ma' xulxin ma jerġgħux jiltaqgħu ma' xulxin u jkollhom aktar xi jgħidu.«* Il-Qorti tifhem li huwa kważi impossibbli li ma' kull tilwima ikun hemm skorta mal-persuni involuti jew li bilfors iridu jinfirdu, imma kif qal tajjeb l-appellat jidher li ma tqisx tajjeb il-karattru tal-konvenut. Dan anke kif ikkummentat tajjeb l-Ewwel Qorti. L-imsemmi Maġġur James Abela xehed ukoll li *«Jekk ikunu saru l-affarijiet kif suppost u sar ir-rapport u ġie nfurmat kulħadd illi dawn iż-żewġ priġunieri kellhom xi diżgwid u ma jistgħux jiltaqgħu flimkien jew fuq ordni tad-Direttur, iva hemm proċedura biex ma jiltaqgħu imkien ġewwa l-Ħabs.«*

27. Sfiq ma' dan, irriżulta li dakinhar tal-inċident ma kienx hemm gwardjan barra l-infermerija iżda biss wieħed fuq ġewwa. Il-gwardjan u l-uffiċjal tal-pulizija nzertaw li kienu hemm u mhux għaliex kienu stazzjonati hemm. Barra minn hekk, irriżulta li s-sistema ta' kif il-priġunieri jintbagħtu l-infermerija mic-Central Hall ma hijiex waħda ordinata kif qal l-appellat.

Kien magħruf li kemm Borg kif ukoll Schembri kienu jmorru kuljum l-infermerija għal *methadone*. B'hekk setgħu saru arranġamenti biex ma jiltaqgħux. Mill-provi jirriżulta wkoll nuqqas dwar iż-żamma ta' informazzjoni jekk sarux tfittxijiet fiċ-ċelel u allura dan jixħet dubju dwar kemm kienu jsiru tfittxijiet fiċ-ċelel jew b'liema regolarità kienu jsiru. L-appellant saħaq ħafna li l-arma li ntużat setgħet issir fi ftit minuti, però setgħet saret ġranet qabel u allura bi tfittxija sura ta' nies setgħet instabet. Kwistjoni oħra li hija ta' tħassib hija li l-priġunieri jixtru l-pakketti tax-xfafar għal-lejħa (b'hekk il-pussess tax-xafra kien permissibbli) u dan bla limitu. Filwaqt li hemm ħtieġa skont ir-Regolamenti tal-ħabs għall-iġjene, fuq ix-xaqliba l-oħra tqis li din il-ħtieġa tista' tkun bilanċjata billi jkun hemm limitu kemm-il xafra tista' tinżamm minn priġunier. L-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija ommissiva minħabba l-arma, iżda din il-Qorti ma tistax ma turix tħassib li ġjaladarba kif xehdu l-uffiċjali u kif għarfet l-Ewwel Qorti stess li l-ħabs huwa inkubatur ta' tensjoni, jinżel b'hekk li trid tinħoloq sistema fejn xfafar għalkemm permissibbli m'għandhomx jibqgħu f'idejn il-priġunier wara li jintużaw u dan kemm għall-ħarsien tal-istess priġunier innifsu (sabiex anke jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn priġunier iweġġa' lilu nnifsu) kif ukoll għas-sigurtà tal-priġunieri l-oħra kif ukoll uffiċjali.

28. Din il-Qorti tifhem li huwa diffiċli immens li ma jkun hemm qatt ġlied, iżda ladarba l-istess uffiċjali jgħidu li l-battibekki bejn priġunieri huma normali u dan wieħed jifhmu għaliex fil-faċilità qegħdin jinżammu persuni

li huma mċaħħda mil-libertà tagħhom, li m'għażlux lil xulxin anzi imposti fuq xulxin u allura bilfors ikun hemm ċertu tensjoni. Miżmum dan kollu għandu jsegwi li l-amministrazzjoni tal-faċilità għandha tagħmel minn kollox biex tmewwet dawn it-tensjonijiet u tħares lil kull priġunier mill-periklu.

29. Jiġi b'hekk li ma jistax jingħad li dan l-inċident kien wieħed imprevedibbli u li d-Direttur mexa għalkollox b'diliġenza u bħala missier tajjeb tal-familja.

30. Marbut ma' l-ewwel aggravju għandna l-**ħames aggravju** tal-appellant. Permezz ta' dan l-aggravju, id-Direttur jgħid li ma kellux jinstab solidalment responsabbli mal-konvenut Schembri għall-inċident u dan meta jitqies dak li jiddisponi l-**Artikolu 1049 tal-Kodiċi Ċivili**, partikularment is-subartikolu ta' dan l-artikolu. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma sabitx li huwa aġixxa dolożament iżda xorta waħda ddeċidiet li kellu jinżamm responsabbli solidalment mal-konvenut l-ieħor. L-attur appellat ma jaqbilx ma' dan l-aggravju.

31. L-**Artikolu 1049 tal-Kodiċi Ċivili** jaqra hekk:

> *«1049. (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija in solidum.*
>
> *(2) Meta xi wħud minn dawn ikunu mxew dolożament, u oħrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati in solidum, u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun*

*ikkaġuna.«*

32. Din il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju. Ir-responsabbilità tiegħu hija frott ta' negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tal-obbligu tiegħu li jindokra u jħares is-sigurtà tal-priġunier, f'dan il-każ l-attur, u li jwarrab kull periklu li jweġġa'. Għalhekk qegħdin nitħaddtu fuq kulpa ommissiva.

33. Fid-dawl ta' dan tqis li d-Direttur appellant għandu jinstab responsabbli f'persentaġġ ta' 40% għaliex għalkemm ġew riskontrati nuqqasijiet min-naħa tal-amministrazzjoni hekk kif fuq imfisser, iżda min-naħa l-oħra ttieħdu prekawzjonijiet ukoll (għalkemm ma kinux biżżejjed biex jiġi evitat inċident) meta l-attur ġie mċaqlaq mill-ewwel mid-diviżjoni. Ukoll hekk kif l-uffiċjali li kienu fil-kuridur, anke jekk inzertaw li kienu hemm, aġixxew mill-ewwel biex jifirdu lil Schembri minn mal-attur u l-SRT telgħu mill-ewwel u ħadu f'idejhom lill-istess Schembri. B'hekk ġie evitat li l-inċident li seħħ ikun ferm aktar gravi milli dak li diġà kien seħħ.

34. Għalhekk din il-Qorti sejra tilqa' l-ħames aggravju tal-appellant, filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju sa fejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż billi din il-Qorti ma tistax teħles lid-Direttur għalkollox mir-responsabbilità ta' dan l-inċident.

35. Naturalment irid jiġi ċċarat il-punt li jekk l-attur jagħżel li jdur fuq

Norbert Schembri sabiex jitħallas huwa għandu jedd għall-ammont sħiħ likwidat bħala danni mġarrba minnu. Iżda għal dak li huwa d-Direttur appellant huwa responsabbli biss għal 40% tal-ammont likwidat.

36. Mingħajr ħsara għall-ewwel aggravju, id-Direttur ressaq ħames aggravji (li wieħed minnhom diġà ġie mistħarreġ) oħra kollha dwar il-likwidazzjoni tad-danni li għamlet l-Ewwel Qorti.

37. Ngħaddu għalhekk għat-**<u>tieni aggravju</u>**. Id-Direttur appellant jilmenta li l-*multiplier* użat mill-Ewwel Qorti fil-kalkolu tad-danni kien wieħed eċċessiv. Wara li rrefera għall-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, ta ħarsa għal ġurisprudenza sabiex isaħħaħ il-punt tiegħu. Fisser li meta seħħ l-inċident l-attur kellu 31 sena. L-Ewwel Qorti użat *multiplier* ta' 28 sena. Id-Direttur appellant isostni li dan il-*multiplier* huwa ogħla mill-*multipliers* użati fis-sentenzi li huwa semma f'kawża fejn id-danneġjat kellu l-istess età li tqarreb dik tal-attur. L-appellant qal li *multiplier* ta' 22 sena għandu jkun biżżejjed. Jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt illi fil-każ tal-lum, l-attur ma ppruvax kif id-diżabilità tiegħu affettwatlu xogħolu u qiegħda tnaqqaslu mill-kapaċità tiegħu li jkollu jaħdem u b'hekk affettwatlu d-dħul tiegħu. Fuq kollox jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-fatt li mill-*Employment History* tal-attur jirriżulta illi qabel iddaħħal il-ħabs huwa ma kellux xogħol u kien ilu mingħajr xogħol għal madwar sena u dan għalkemm ma kien qiegħed isofri ebda

diżabilità.

38. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iii) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala *damnum emergens* (ħsara diretta) u *lucrum cessans* (telf ta' qligħ).

39. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara ***Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1983 u ***Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

40. Minbarra dan, għalkemm fil-passat ingħataw bosta sentenzi fejn ġie mtenni li l-*multiplier* ma kellux jaqbeż l-għoxrin sena, din is-sitwazzjoni

nbiddlet wara s-sentenza ***Mary Bugeja noe et v. George Agius noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Lulju, 1991, fuq ir-raġuni li l-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident, b'dana għalhekk li l-*multiplier* irid ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «*chances and changes of life or vicissitudes of life*».

41. Il-kunċett ta' «*chances and changes of life*», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta Novembru, 2009).

42. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016,

mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019; u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Grech v. Lawrence Agius***).

43. Fil-każ tagħna, l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza appellata li tħaddan *multiplier* ta' tmienja u għoxrin (28) sena. L-attur appellat fir-risposta tal-appell tiegħu kiteb li huwa jista' joqgħod ma' dan l-ammont ta' *multiplier.* Min-naħa l-oħra, il-konvenut appellant jgħid li l-*multiplier* kellu jkun ta' tnejn u għoxrin (22) sena.

44. Din il-Qorti wara li ħadet kont tal-prinċipji mnissla mill-ġurisprudenza fuq imsemmija, tosserva li l-attur appellat kellu wieħed u tletin (31) sena meta seħħ l-inċident. Jirriżulta minnu dak li qal il-konvenut appellant li l-attur kien ilu żmien ma jaħdimx u meta kien jaħdem id-dħul tiegħu ma kienx kbir. Biss però dan l-argument ma jinċidix fuq il-*multiplier* li għandha tuża l-Qorti iżda semmai jittieħed in konsiderazzjoni għal dak li huwa l-kalkolu tad-dħul. Fil-fatt jidher li l-Ewwel Qorti mxiet tajjeb għaliex użat il-kejl tal-paga minima. Il-konvenut appellant ma ressaq l-ebda lment dwar dan l-aħħar punt.

45. Għaldaqstant għal dak li huwa l-*multiplier*, għad li din il-Qorti tagħraf li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied kulma jgħaddi ż-żmien saħanistra anke wara l-età legali tal-irtirar, madankollu min-naħa l-oħra, meta tqis l-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja, tara li *multiplier* ta' 28, *viz*. sakemm l-attur jagħlaq disgħa u ħamsin (59) sena, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti huwa wieħed ġust u xieraq.

46. Fl-aħħarnett, il-konvenut appellant qal li l-attur ma uriex kif din id-diżabilità kellha effett fuq il-ħajja tax-xogħol tiegħu. Din il-lanjanza se titwarrab minnufih. Biżżejjed issir referenza għal dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Mejju, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi,*** ċjoè *«Tajjeb li jiġi mfakkar il-prinċipju li l-fatt li persuna li tkun sofriet minn diżabilità permanenti tkun qiegħda taħdem u forsi saħansitra qiegħda taqla' aktar milli kienet qiegħda taqla' qabel ma korriet (kif fil-fatt huwa l-każ f'dan l-inċident fejn l-attriċi kienet għadha studenta), ma jfissirx li hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol li kieku ma korrietx. Id-diżabilità neċessarjament timplika tnaqqis fil-possibilità ta' dik il-persuna li tilħaq il-potenzjal massimu fil-ħajja lavorattiva tagħha.«*

47. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud billi mhux siewi.

48. Permezz tat-**tielet aggravju**, id-Direttur appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas l-ammont minħabba l-*lump sum payment*. Jissokta jgħid li kieku biss kellu jittieħed in konsiderazzjoni l-ammont ta' żmien li għadda mid-data tal-inċident sad-data meta ġiet deċiża s-sentenza, l-Ewwel Qorti kellha tagħmel tnaqqis ta' 8% u dan peress illi l-kawża damet disa' snin biex tiġi deċiża. Magħdud ma' dan, l-appellant isostni li l-perċentwal tat-tnaqqis kellu jkun akbar peress li l-attur dam aktar minn sentejn biex fetaħ il-kawża u għal dan m'għandux jagħmel tajjeb huwa. Barra minn hekk kwalunkwe dewmien li kien hemm biex ġiet deċiża l-kawża ma jistax jiġi attribwit lilu u dan peress li huwa għalaq il-provi tiegħu f'temp ta' ftit xhur. Fisser ukoll li ċertu dewmien seħħ billi ma setgħetx issib espert mediku biex jagħmel ir-rapport dwar il-persentaġġ ta' diżabilità tal-attur u għal dan ukoll m'għandux jaħti huwa.

49. B'dan l-ilment tal-appellant huwa jisħaq li s-somma ta' danni kif likwidata mill-Ewwel Qorti għandha tkun soġġetta għar-regola tal-*lump sum reduction*. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur appellat ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).

50. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa,

madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).

51. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Jeffrey Saliba v. Richard Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023; ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005; u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

52. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

53. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata kważi tnax-il sena wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma tara li għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti.

54. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

55. Permezz tar-**raba' aggravju**, id-Direttur jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas l-ammont ta' benefiċċji li l-attur qiegħed jirċievi indefinittivament minħabba d-diżabilità li huwa qiegħed isofri minħabba l-inċident mertu tal-każ tagħna. Jgħid li għandu jitnaqqas għaliex dawn il-benefiċċji qegħdin jitħallsu mill-Gvern stess u jkomplu jiżdiedu maż-żmien tul ħajtu kollu. Irriżulta li minn Awwissu 2010 sal-aħħar tas-sena 2018 l-attur irċieva mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali l-ammont ta' €43,171.02.

56. Dan l-aggravju mhux wieħed siwi. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** fuq l-istess tema, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi dan it-tnaqqis ma kellux isir. Il-Qorti fissret li kwalunkwe ammont illi l-appellant (fil-każ tagħna l-appellat) irċieva mingħand l-Istat bħala benefiċċju soċjali minħabba l-inċident in kwistjoni ma jnaqqas xejn mill-obbligu tad-danneġġjant illi jagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minnu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmena Fenech et v. Chairman tal-Malta Drydocks noe** (PA, 10/10/2008): *« Dak li jgħodd huwa li l-konvenut nomine kien il-persuna obbligata għar-riżarċiment tad-danni li tnisslet mid-deċess tal-konġunt tagħhom. Kull dħul ieħor ta' kumpens minn sorsi oħra għandu għal finijiet tar-rapport bejn id-defunt u t-Tarzna jitqies res inter alios acta." (Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru 2010. Ara wkoll;* ***Nazzareno Seguna et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet*** *(PA, 01/02/2005);* ***Laura Formosa et v. Emanten Spiteri et*** *(Appell, 28/11/2008);* ***Michael Borg v. Untours Insurance Agents Ltd noe*** *(PA, 30/05/2013))*.« (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ġunju, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et****).*

57. Din il-Qorti tħaddan l-istess ħsieb u għalhekk m'għandhiex aktar x'iżżid mat-tagħlim ġurisprudenzjali hawn fuq imsemmi. Għaldaqstant

dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

58. Jonqos biss l-**aħħar aggravju** tal-appellant li permezz tiegħu jgħid li l-Ewwel Qorti ħadet żball fil-multiplikazzjoni billi s-somma ta' €9,282.52 multiplikata bi 28 u multiplikata b'24% (dwar dan il-persentaġġ ma kienx hemm aggravju) ma ġġibx is-somma ta' €62,387.40 iżda s-somma ta' €62,378.53.

59. Illi l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju u dan se jiġi rifless fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-konvenut Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u b'hekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn dan il-konvenut ġie miżmum responsabbli solidalment mal-konvenut David Norbert Schembri u sa fejn ġie kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' €62,387.40 (tnejn u sittin elf, tlett mija u seba' u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu) u minflok tillikwida l-ammont ta' €62,378.53 (tnejn u sittin elf, tlett mija u tmienja u sebgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu), b'dan li l-appellant Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għandu jġorr biss responsabbilità ta' 40% ta' din is-somma likwidata. Jiġi b'hekk li din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ħames u s-sitt aggravji u tiċħad l-ewwel aggravju biss sa fejn mhux inkompatibbli ma'

hawn deċiż (billi l-appellant instab responsabbli għall-inċident imma mhux solidalment). Tiċħad l-aggravji l-oħra u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata[20].

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li għal dak li huma l-ispejjeż tal-ewwel istanza l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, b'dan illi l-attur jekk jagħżel li jdur sabiex jiġbor l-ispejjeż mingħand il-konvenut Direttur għandu l-jedd li jiġbor 40% minnhom biss[21], filwaqt li dawk tal-appell għandhom jinġarru żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellant u terz ($^{1}/_{3}$) għandu jbatihom l-attur. L-imgħax legali kif deċiż mill-Ewwel Qorti ċjoè mid-data tal-Ewwel sentenza sal-ħlas effettiv.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Anna Felice<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[20] L-attur għandu l-jedd idur fuq il-konvenut Schembri għall-ammont sħiħ.
[21] L-attur għandu l-jedd idur fuq il-konvenut Schembri għall-ammont sħiħ.